



24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0197/2008, imressqa minn Iulian Amariei, ta' nazzjonalità Rumena, dwar diffikultajiet fil-kisba tal-finanzjament Komunitarju fir-Rumanija**

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jikkritika l-ġestjoni mill-awtoritajiet Rumeni tal-finanzjament tal-UE, filwaqt li jsostni li bħala riżultat, dan tal-aħħar huwa prattikament impossibbli li jinkiseb. Huwa jindika li huwa diffiċli li jiġu sottomessi proġetti u li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-fondi jiġu rilaxxati mill-awtoritajiet Rumeni skont id-Digriet ta' Emerġenza. Il-petizzjonant qed jitlob li ssir investigazzjoni dwar din il-kwistjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-10 ta' Lulju 2008. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Il-politika ta' koeżjoni għar-Rumanija għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali (2007-2013) tinkludi 7 programmi operazzjonali taħt l-oġettiv "Konverġenza", kif ukoll numru ta' programmi ta' koperazzjoni taħt l-oġettiv "Koperazzjoni Territorjali Ewropea" b'kontribuzzjoni totali tal-UE ta' madwar EUR 20 biljun. Dan il-pakkett jintuża biex jiffinanzja, fil-qafas tal-programmi operazzjonali, proġetti f'oqsma differenti bħal pereżempju t-trasport, il-kompetittività ekonomika, l-iżvilupp reġjonali, l-ambjent jew ir-riżorsi umani.

L-istrutturi nazzjonali għall-immaniġġjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-verifika tal-ħlas ta' dawn il-programmi ġew stabbiliti f'konformità mal-leġislazzjoni meħtieġa kemm nazzjonali kif ukoll tal-UE. Il-funzjonament tal-programmi jinkludi proċeduri u kriterji tal-għażla li fuq il-bażi

tagħhom il-proġetti jiġu ffinanzjati permezz tal-programmi. Dawn l-arranġamenti ġew stabbiliti biex, fost aspetti oħra, jiżguraw li jkun hemm aċċess ugwali u trasparenza għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament tal-proġett.

Fuq il-bażi tar-rapport provdut fl-aħħar tal-2009 mill-awtoritajiet nazzjonali, jista' jissemma dan il-progress konkret: madwar 8700 proġett sottomess taħt il-ħames programmi operazzjonali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, li minnhom aktar minn 2000 proġett ġew approvati mill-awtoritajiet ta' tmexxija għal kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR 3.3 biljun, ammont li jirrappreżenta madwar 20% tal-allokazzjoni totali għall-perjodu 2007-2013. Barra minn hekk, sal-aħħar ta' April 2010, il-Kummissjoni Ewropea ttrasferixxiet EUR 1.65 biljun lir-Rumanija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond ta' Koeżjoni u dan l-ammont jirrappreżenta 11% tal-allokazzjoni totali tal-2007-2013, inkluż il-prefinanzjament.

Sabiex jiġu żgurati aktar trasparenza u reklamar tal-proġetti ffinanzjati mill-UE, kull xahar tiġi aġġornata bażi ta' dejta magħżula biex tibbenefika mill-politika ta' koeżjoni u din hija disponibbli għall-pubbliku f'dan l-indirizz tal-Internet: <http://www.fonduri-ue.ro/stadiul-absorbti-231>

Il-Kummissjoni Ewropea tissorvelja mill-qrib, flimkien mal-istituzzjonijiet nazzjonali responsabbli, il-progress tal-implimentazzjoni tal-programmi. Fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda problema sistematika li setgħet tqajjem dubji sinifikanti dwar l-użu xieraq u regolari tal-fondi tal-UE. Jekk jinstabu xi problemi permezz tas-sorveljanza u tal-verifika, is-servizzi tal-Kummissjoni ovvjament jistgħu jiftħu proċeduri korrettivi li eventwalment jistgħu jwasslu għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji.